MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Numru 19/1994

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Joseph Fenech**

**Illum, 31 ta' Lulju 2008**

**Il-Qorti**:

Regghet rat ir-rikors ta' Joseph Fenech tat-3 ta' Settembru 2007 li permezz tieghu, wara li ppremetta li huwa kien inghata mahfra presidenzjali, talab li din il-Qorti "joghgobha tiddikjara procediment ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-proceduri fl-ismijiet premessi";

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali tas-17 ta' Settembru 2008;

Rat id-diversi atti sussegwenti, fosthom ir-rikors ulterjuri ta’ l-istess Joseph Fenech tat-2 ta’ Novembru 2007 (fejn effettivament talab l-istess haga li kien ga’ talab fir-rikors tat-3 ta’ Settembru 2007), in-nota ta’ l-Avukat Generali tas-27 ta’ Novembru 2007, in-nota ta’ l-akkuzat Joseph Fenech tat-28 ta’ Novembru 2007, in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-Avukat Generali tat-28 ta’ Dicembru 2007 u n-nota responsiva ta’ l-imsemmi Joseph Fenech tal-25 ta’ Jannar 2008;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi;

Ikkunsidrat:

Bazikament dak li qed jitlob l-akkuzat Fenech bir-rikors tieghu tat-3 ta’ Settembru 2007 huwa li, in vista tal-proklama ta’ l-Eccellenza Tieghu il-President ta’ Malta datata 15 ta’ Mejju 1996, il-proceduri kontra tieghu mibdija permezz ta’ l-att ta’ akkuza numru 19/1994 ghandhom jigu dikjarati ezawriti. L-Avukat Generali, min-naha tieghu, jikkontendi illi dak li qed jivvanta r-rikorrent jammonta ghal eccezzjoni li trid issegwi l-*iter* traccjat mill-ligi.

Tajjeb li wiehed jghid fuq fuq x’gara f’dan il-kaz qabel ir-rikors meritu tal-provvediment odjern. Fit-28 ta’ Novembru 1994 gie pprezentat l-att ta’ akkuza nru 19/1994 li permezz tieghu l-Avukat Generali qed jakkuza lil Joseph Fenech b’assocjazzjoni fit-traffikar ta’ medicina perikoluza (l-ewwel kap) u bil-pussess ta’ medicina perikoluza (it-tieni kap). Fiz-zmien moghti skond il-ligi – hmistax-il jum mid-data tan-notifika lilu ta’ dana l-att ta’ akkuza – l-imsemmi Joseph Fenech la ta avviz ta’ eccezzjonijiet preliminari jew eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` ta’ provi u anqas ma indika xhieda in difeza. Il-kaz gie appuntat quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) ghall-ewwel darba ghad-9 ta’ Gunju 1995. Ghal diversi ragunijiet li ma humiex relevanti ghall-finijiet tal-provvediment odjern, il-kaz gie differit diversi drabi. L-ahhar darba li l-kaz kien gie appuntat quddiem din il-Qorti (sedenti l-Onor. Imhallef Noel Cuschieri) kien fil-5 ta’ Mejju 2003. Mill-verbal ta’ dik l-udjenza jirrizulta li deher l-akkuzat assistit mill-avukat difensur tieghu Dott. Joseph Giglio. Il-verbal ikompli hekk:

"Deher Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni li nforma l-Qorti li l-proklama ghadha vigenti. Il-kawza differita *sine die*, riappuntabbli fuq talba mqar verbali tal-prosekuzzjoni. L-akkuzat jerga' jitpogga fl-istess kondizzjoni kif kien qabel ghal dak li jirrigwarda l-arrest preventiv." A skans ta' ekwivoci jinghad li mill-atti jirrizulta li l-akkuzat jinsab bil-*bail*.

Issa, kif jirrizulta mill-kopja tal-proklama ezibita mill-akkuzat permezz tan-nota tieghu tat-28 ta' Novembru 2008, dik il-proklama veru fiha mahfra, izda din hija wahda <u>suggetta ghal kundizzjoni</u> u cioe` il-kundizzjoni li l-imsemmi Joseph Fenech "jaghti lill-Pulizija kull informazzjoni dwar il-fatti tar-reat fuq imsemmi u li jaghti x-xiehda tieghu skond il-ligi...u li jghid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa." Dan ifisser li, biex dik il-mahfra jkollha effett, iridu javveraw ruhhom certi fatti. Bir-rikors tieghu tat-3 ta' Settembru 2007, ghalhekk, l-akkuzat qieghed proprjament jipproponi bhala eccezzjoni "punt...ta' fatt...illi minhabba fih il-kawza m'ghandhiex titmexxa ghal mument jew f'ebda zmien iehor 'il quddiem", u fit-termini tal-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali. Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tat-28 ta' Dicembru 2007, tali "fatt" ma jistax jigi stabbilit minn din il-Qorti komposta minn Imhallef fuq semplici rikors bhal dak maghmul, izda jrid jigi stabbilit u deciz skond dak li jipprovdu l-Artikoli 620 *et seq*. tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk minn din il-Qorti komposta minn Imhallef u gurija. Apparti dan, il-Qorti trid tara wkoll jekk japplikax il-*proviso* tas-subartkolu (1) ta' l-Artikolu 449, kif ukoll formalment taghti lill-Avukat Generali l-opportunita` jikkontesta bil-miktub l-allegazzjoni ta' fatt skond l-Artikolu 621 – opportunita` li sa issa l-Avukat Generali ma jistax jinghad li kellu ghax dak li kien qed jigi sa issa trattat kien biss ir-rikors tat-3 ta' Settembru 2007 bit-talba kif hemm migjuba. Dan kollu apparti l-kumplikazzjoni li jista' jkun hemm peress li, kif jirrizulta min-nota ta' l-Avukat Generali tas-27 ta' Novembru 2007, jidher li quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili hemm pendenti kawza kostituzzjonali li fiha r-rikorrent f'dik il-kawza (Carmel Attard) qed jitlob, fost affarijiet ohra, dikjarazzjoni li l-imsemmija proklama

tivvjola l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea u jitlob ukoll “rakkomandazzjoni” li l-imsemmija proklama “titnehha minnufih”.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tipprovdi dwar ir-rikors tat-3 ta’ Settembru 2007 billi tichad it-talba kif hemm migjuba, u dan interament bla pregudizzju ghad-dritt ta’ l-akkuzat li, permezz ta’ rikors (Artikolu 620(3), Kap. 9) jirriproponi formalment l-eccezzjoni tieghu fit-termini ta’ l-Artikolu 449(1)(f) biex din il-Qorti, sedenti l-Imhallef li lilu gie assenjat il-kaz skond il-ligi, tipprocedi skond l-Artikoli 620 *et seq.* tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------